Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

Magistrat Dr Monica Vella LL.D.; M. Jur.

Il-Pulizija

(Spettur Ian Azzopardi)

Vs

Fabianne Grech

Kawza Numru: 9036/2024

Illum 16 ta' Novembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi prezentati mill-Pulizija Ezekuttiva nhar is-6 ta' Novembru 2024 kontra:

**Fabianne Grech** ta' 44 sena, bint Saviour Grech u Maria Concetta Grech nee' Demanuele, imwielda nhar it-23/06/1980 residenti fil-fond L-Ghaxqa Taghna, Triq in-Nissieg, Zabbar u detentrici tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 0305780M

**Akkuzata** talli nhar l-15/11/2024 ghall-habta tal-hinijiet ta' bejn 15:00hrs u 18:00 hrs b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkomettiet serq ta' diversi oġġetti li jammontaw għall-valur totali ta' €225.95, minn ġewwa l-istabbilimenti tal-ħwejjeg bl-isem "Guess", "Pull and Bear", "Stradivarius", "Terranova", "Nike", "Dan John", "Kiosk" li jinsabu ġewwa The Point Shopping Mall, Tigne Point, Triq ix-Xatt ta' Tigne', Sliema u fil-viċinanzi, għaddetriment ta' l-istabbilimenti bl-isem "Guess", "Pull and Bear", "Stradivarius", "Terranova", "Nike", "Dan John", "Kiosk" u/jew persuni oħra u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-artikolu 264 tal- Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba titratta lil Fabianne Grech bħala reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kap. 9 tal- Liġijiet ta' Malta.[1]

Rat li l-imputat iddikjarat ruhha hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu meta gie imressaq b'arrest quddiem il-Qorti.[2]

Rat l-ammissjoni tal-imputat registrata fl-istess seduta tas-16 ta' Novembru 2024.

[1] Folio 2 tal-process.
[2] Folio 20 tal-process.

Semghet lill-imputata tikkonferma l-htija taghha fir-rigward tal-akkuzi fil-konfront taghha fl-istess seduta tas-16 ta' Novembru 2024.

Tat zmien ragonevoli lill-imputata sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni taghha u wara li l-Qorti spjegatilha l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, il-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, l-imputata reġghet ikkonfermat l-ammissjoni taghha ghall-akkużi migjuba kontra taghha.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat il-fedina penali tal-imputata.[3]

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fl-istess seduta.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor:**

Fil-15 ta' Novembru 2024 ghall-habta ta' l-erbgha u kwart ta' wara nofsinhar il-Pulizija fl-Ghassa tas-Sliema irceviet telefonata li kienet qed tinzamm persuna fil-kumpless ta' hienet The Point, Triq Tigne, Sliema minhabba li allegatament kienet ghadha kif serqet minn numru ta' hwienet. Il-Pulizija marret fuq il-post sabiex tinvestiga l-kaz fejn sabet persuna li l-istess Pulizija identifikaw bhala l-imputat mizmuma minn ufficcjal tas-sigurta fl-istess kumpless.

L-imputata tressqet bl-arrest akkuzat b'serq ta' hwejjeg minn diversi stabbilimenti fl-istess kumpless.

[3] Dokument IA2 a folio 8 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta tal-lum 16 ta' Novembru 2024, l-imputata irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha.

Illi waqt dik l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti l-imputata regghet affermat u ikkonfermat l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti taghtha l-opportunita li terga' tikkonsulta mal-Avukat u taghtha zmien ragonevoli tirrikonsidra il-posizzjoni taghha, ghalhekk tali ammissjoni u affermazzjoni giet debitament registrata.

**Ikkunsidrat:**

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputata.

**Ikkunsidrat:**

In konsiderazzjoni tal-piena illi ghandha tigi erogata, il-Qorti ikkunsidrat il-koperazzjoni tal-imputata mal-Pulizija, l-ammissjoni taghha f'dan l-istadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali tal-imputata, il-fatt li r-rifurtiva giet rekuperata u tista' tigi ritornata lill-vittmi u c-cirkostanzi tal-kaz.

U wara li rat l-Artikoli 49, 50, 284, 289, filwaqt li ssib lill-imputata **Fabianne Grech HATJA**, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata taghha stess, tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra taghha, u peress li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat l-istess,

u a tenur tal-Artikoli 2 u 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-hatja **Fabianne Grech** taħt **Ordni ta' Probation** għall-perjodu ta' tliet snin mil-lum b'dan li għal dan l-iskop qegħda tordna li l-istess Fabianne Grech titqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilha mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordni hija soġġetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-hatja Fabianne Grech, bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, tista' tingħata sentenza għar-reati li tagħhom instabet ħatja b'din is-sentenza, u cioe l-konsegwenzi li tista' issofri f'każ li hija ma tonorax l-obbligi taghha taht din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Fabianne Grech. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bl-andament tal-ħatja kull tlett (3) xhur.

In oltre, ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tohrog Ordni tat-Trattament fil-konfront tal-

hatja Fabianne Grech ghall-perjodu ta' tlett snin sabiex l-imputata tindirizza l-problema ta' l-abbuz mid-droga. L-ufficjal tal-Probation ghandu jaghzel il-lok l-aktar adattat ghac-cirkostanzi tal-hatja fejn il-hatja ghandha toqghod ghal programm residenzjali biex tohrog mill-abbuz tad-droga u dan fit-terminu ta' din l-ordni. L-Ordni tat-Trattament ta' tlett snin ghandha tibda tiddekorri minn dik id-data li jinstab post ghall-hatja sabiex tibda programm residenzjali kontra l-abbuz tad-droga liema data ma ghandix tkun aktar tard minn tlett (3) xhur mid-data ta' din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-hatja Fabianne Grech l-obbligi taghha taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk hija ma tottemperax ruhha ma' din is-sentenza.

Stante illi f'dawn il-proceduri ma nhatru l-ebda esperti, it-talba tal-Prosekuzzjoni taht l-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistax tigi milqugha.

Moghtija llum 16 ta' Movembru 2024, fil-bini tal-Qorti f'Malta.

Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur